Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 21/2016

**Anna Caruana**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**

21 ta' Frar, 2017.

1. B'decizjoni tas-6 ta' April, 2016 l-Arbitru ddecieda:

*"Illi dan l-appell jitratta dwar talba mill-appellanta biex tiehu b'lura l-Allowance tat-Tfal peress li z-zewg neputijiet taghha kienu ilhom jghixu maghha sa mis-sena 2012. Madankollu hja kienet applikat ghall-ewwel darba f'April 2013.*

*Fis-sottomissjonijiet mressqa miz-zewg nahat irrizulta b'mod car li l-appellanta kienet marret titlob li l-Allowance tat-Tfal jibdew jithallsu lilha f'April 2013 u dan minkejja li l-minuri kienu jghixu maghha sa minn Jannar 2012.*

*L-artikolu 97(1) tal-Kap. 318 – Att dwar is-Sigurta Socjali huwa car u jghid minghajr mezzi termini li l-persuna jista' jibbenifika (f'dan il-kaz odjern) mill-Allowance tat-Tfal jekk jaghmel talba ghaliha fuq formola ufficjali tad-Dipartiment. Mela gialadarba l-appellanta ghamlet l-applikazzjoni formali taghha fl-4 ta' April 2013 ma tistax tippretendi li tircievi l-allowance sa minn Jannar 2012. Dan huwa nuqqas taghha li ma jistax jigi sanat.*

*Ghaldaqstant, l-Arbitru huwa tal-fehma illi d-decizjoni tad-Direttur hija gusta u timmerita konferma.*

*Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata qeghda tigi konfermata".*

2. Anna Caruana appellat mid-decizjoni. L-aggravju hu:

*"… huwa ppruvat illi l-appellanta ilha trabbi lill-minuri Maselle Caruana u Thru Caruana sa minn Jannar 2012. Omm il-minuri Ruth Mifsud permezz ta' dikjarazzjoni, ikkonfermat li l-appellanta ilha trabbi lill-uliedha sa minn Jannar 2012".*

3. L-intimat wiegeb billi qal li l-Arbitru applika l-ligi. Skont l-artikolu 97(1) tal-Kap. 318, persuna tista' tibbenifika mill-Allowance tat-Tfal jekk jaghmel talba ghaliha fuq formola ufficjali tad-Dipaartiment u gialadarba l-appellanta ghamlet applikazzjoni formali tghha fl-4 ta' April 2013, ma tistax tippretendi li tircievi l-allowance sa minn Jannar 2012.

4. Fatti li m'humiex kontestati:

i. Fl-4 ta' April 2013, l-intimat ircieva l-applikazzjoni tar-rikorrenti biex tibda tithallas l-allowance tat-tfal.
ii. Omm il-minuri ffirmat dikjarazzjoni li bejn wiehed u iehor minn Jannar 2012 uliedha kienu qeghdin ighixu mar-rikorrenti.
iii. Fl-10 ta' Novembru 2014 id-Dipartiment ircieva taghrif dwar tibdil fic-cirkostanzi dwar ghajnuna socjali li kienet qeghda tithallas. Fid-dokument jinghad: *"As per declaration dated 17/7/13 clt was taking care of children – Massielle and Thru as from January 2012. She is requesting CA payments for period Jan 2012 till March 2013"*.

5. Mill-provi ma jirrizultax jekk omm il-minuri kinitx f'xi zmien applikat u bdiet tircievi l-allowance tat-tfal. Mill-artikolu 97(1) tal-Kap. 318 hu evidenti li sabiex jithallas *"xi beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna"* moghtija taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali, hemm bzonn li:

i. Persuna taghmel talba ghaliha fuq il-formola ufficjali u tinghata lid-Dipartiment;
ii. Tipprezenta d-dokumenti u taghti t-taghrif li jista' jintalab mid-Direttur.
iii. Fil-kaz ta' allowance tat-tfal it-talba ssir fi zmien sitt (6) xhur mit-twelid tat-tfal. Fejn it-talba ma ssirx fl-imsemmi zmien, ***".... id-dritt ghal dawk il-beneficcji, pensjonijiet, allowances u ghajnuna jibda jghodd biss mill-jum li fih it-talba relattiva tkun accettata mid-Direttur bhala li tkun ufficjalment ricevuta mid-Dipartiment"***.

Ladarba l-intimat ircieva l-applikazzjoni fl-4 ta' April 2013, ir-rikorrenti m'ghandhiex jedd li tircievi l-allowance tat-tfal b'sehh minn Jannar 2012. Jekk hu minnu li minn Jannar 2012 il-minuri marru jghixu mar-rikorrenti, allura kien fl-interess taghha li tapplika minn dak iz-zmien u mhux thalli kwazi sena u nofs qabel tapplika. L-intimat jaccetta li l-artikolu 97(1)(a) japplika ghall-kaz tar-rikorrenti, fis-sens li kieku l-applikazzjoni saret fi zmien sitt xhur minn meta hadet il-kura tan-neputijiet, kienet tkun intitolata ghall-allowance tat-tfal minn meta hadet il-kura taghhom. Tant hu hekk li fit-twegiba tas-17 ta' April 2015 li pprezenta quddiem l-Arbitru, qal: *"Id-Direttur Generali, bl-umilita kollha, jixtieq igib ghall-attenzjoni ta' l-Arbitru l-Artiklu 97, sub-artikolu 1(a) u sub-artikolu (2c)(i), riprodott hawn taht li jghid li l-applikazzjoni ghall-Allowance tat-Tfal trid tigi sottomessa fiz-zmien sitt xhur minn meta t-tarbija twieldet,* ***f'dan il-kaz minn meta s-sinjura Caruana hadet il-kura u l-kustodja effettiva tal-ahwa Caruana,....."*** Salv ghall-artikolu 97(1) ma saret l-ebda riferenza ghal xi disposizzjoni ohra fl-Att dwar is-Sigurta Socjali li jaghti jedd lill-beneficjarji li jircievu allowance tat-tfal fir-rigward taz-zmien qabel id-data li fiha l-applikazzjoni kienet ufficjalment ricevuta mid-Dipartiment. Fic-cirkostanzi l-qorti taqbel mad-decizjoni tal-Arbitru.

6. Ghal dak li jikkoncerna hlas tal-ghajnuna socjali, hawn ukoll il-qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti m'ghandhiex jedd ghall-arretrati. Kien biss fit-13 ta' Marzu 2013 li d-Dipartiment ircieva ufficjalment t-taghrif dwar it-tibdil ta' cirkostanzi. Dan hu evidenti mill-istess disposizzjoni.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell. Peress li r-rikorrenti kienet bl-ghajnuna legali m'hemmx x'jinghad dwar l-ispejjez**.

Anthony Ellul.